MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2011

Rikors Numru. 34/2010

**Dennis Borg (I.D. Nru. 381474M) u Sylvana Borg (I.D. Nru. 56477M)**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn Dennis Borg u Sylvana Borg permezz ta' liema jitolbu li t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghall-hlas tas-somma ta' Lm800 [€1,863] bhala taxxa u tas-somma ta' Lm1,600 [€3,727] bhala taxxa addizzjonali/penali, komplessivament ammontanti ghal Lm2,400 [€5,590.50], relattiv ghall-akkwist da parte taghhom ta' dar b'garage maghha anness u konness bla numru bl-isem "Fiorita" Triq il-Kurunell Mas, Tarxien, bis-sahha ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Charles Vella Zarb datat 9 ta' Frar 2000, avvanzata fil-konfront taghhom b'Kont Numru 43055, tigi michuda u l-oggezzjoni taghhom ghal tali kont tigi milqugha, bl-ispejjez kontra l-

Kummissarju tat-Taxxi Interni, stante li fl-ewwel lok it-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni hi preskritta b'gheluq ta' sena minn meta dahal l-avviz imsemmi fl-Artikolu 51 tal-Kapitolu 364 tal-Ligijiet ta' Malta; fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-ewwel aggravju l-Artikolu 52(4) tal-Kapitolu 364 tal-Ligijiet ta' Malta invokat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni japplika biss ghat-trasferimenti *inter vivos* li sehhew wara l-1 ta' Jannar 2003 u l-kaz in ezami jaqa' taht l-applikazzjoni tal-Ligi qabel ma giet emendata fl-2003; fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg aggravji, f'kaz li t-Tribunal kellu jikkonkludi li ghalkemm il-prezz patwit kien wiehed veritier però l-istess prezz kien anqas minn 85% mill-valur tas-suq, f'sitwazzjonijiet simili mhux koncess illi tigi imposta talba ghall-hlas ta' taxxa addizzjonali jew penali u huma jkunu se mai responsabbli biss ghall-hlas tat-taxxa; u in oltre li l-prezz pattwit huwa verament il-prezz tas-suq tal-proprjetà dakinhar li sar il-kuntratt ta' trasferiment u entro l-margini koncessi mill-Ligi;

Ra ir-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' liema jopponi ghat-talba tar-Rikorrenti stante li hija infondata fil-fatt u fid-dritt ghaliex fl-ewwel lok l-istima mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni inharget fit-terminu prefiss mill-Ligi; fit-tieni lok u bla pregudizzju il-likwidazzjoni kif deskritta fin-Notifika ta' Likwidazzjoni datata 17 ta' Awissu 2010 hija wahda gusta u skond il-Ligi; u fit-tielet lok u bla pregudizzju mhux minnu li l-prezz attwalment pattwit bejn il-partijiet kontraenti u kif hekk dikjarat fuq il-kuntratt ta' akkwist huwa verament il-prezz tas-suq tal-proprjetà. Ghal dawn ir-ragunijiet il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jitlob li l-appell interpost mir-Rikorrenti jigi michud u minflok l-ammont minnu mitlub jigi konfermat bhala dovut mill-istess Rikorrenti fl-intier tieghu;

Ra l-atti tal-kaz u senjatament in-Notifika ta' Likwidazzjoni, Kont Nru. 43055, datata 15 ta' Jannar 2001 u envelope relattiv rispettivament annessi bhala Dok. "A" u Dok. "B" mar-Rikors promotur[1], l-oggezzjoni tar-Rikorrenti ghall-Kont Nru. 43055 datata 20 ta' Marzu 2001 annessa bhala

[1] Fol. 5 u 6 tal-process.

Dok. "C" mar-Rikors promotur[2], id-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni dwar l-oggezzjoni tar-Rikorrenti ghall-Kont Nru. 43055 datata 16 ta' Awissu 2010 annessa bhala Dok. "D" mar-Rikors promotur[3], u kopja tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Charles Vella Zarb datat 9 ta' Frar 2000 anness bhala Dok. "E" mar-Rikors promotur[4];

Sema' x-xhieda ta' Ivan Portelli, in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, waqt is-seduta tat-18 ta' Frar 2011;

Ra li l-partijiet kontendenti qablu li l-ewwel jigi trattat u deciz l-aggravju tar-Rikorrenti li t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' Lm2,400 (illum ekwivalenti ghal €5,590.50) hi preskritta b'gheluq ta' sena minn meta dahal l-avviz imsemmi fl-Artikolu 51 tal-Kapitolu 364 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkunsidra:**

Jibda biex jinghad illi ai termini ta' l-Artikolu 6 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta *it-Tribunal ta' Revizjoni Amminstrattiva ghandu jikkonforma ruhu mal-principji ta' imgiba amministrattiva tajba stabbiliti fl-Artikolu 3*. L-Artikolu 3 tal-Kap.490 jipprovdi *inter alia* li *t-terminu li tribunal amministrattiv ikollu biex jiehu d-decizjoni tieghu ghandu jkun wiehed ragonevoli skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz. Id-decizjoni ghandha tinghata kemm jista' jkun malajr u ghal dan il-ghan it-Tribunal ghandu jaghti decizjoni wahda dwar il-kwistjonijiet kollha involuti fil-kawza kemm jekk ikunu ta' natura preliminari, procedurali jew sostantiva*[5].

Fil-kaz in esami l-ewwel aggravju fuq liema r-Rikorrenti jibbazaw l-appell taghhom huwa ta' natura preliminari fis-sens illi t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni hija preskritta b'gheluq ta' sena minn meta nghata l-avviz tat-

[2] Fol. 7 tal-process.
[3] Fol. 8 sa' 12 tal-process.
[4] Fol. 13 sa' 15 tal-proces.
[5] Artikolu 3(b) tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta, sottolinear tat-Tribunal.

trasferiment in kwistjoni lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ai termini ta’ l-Artikolu 51 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fil-gurisprudenza nostrali huwa principju assodat li *l-preskrizzjoni hi sostantivament kollokata mal-meritu tat-talba, rikonoxxuta fl-interess pubbliku bl-iskop li jigi eliminat il-kuntrast bejn sitwazzjoni ta’ fatt u sitwazzjoni ta’ dritt, u rikjesta wkoll mill-esigenza li tigi assikurata certezza fir-rapporti guridici. Hi allura mod ta’ estinzjoni tad-drittijiet rikondotta ghall-ideja tar-rinunzja tacita tat-titolari tad-dritt. Li jfisser illi l-Qorti hi fid-dmir li taccerta ruhha jekk il-meritu jinsabx affettwat mill-fatt illi l-pretendent tat-talba kienx jaf bl-istat ta’ fatt li kien jintitolah jezercita dritt u hu halla dak l-istat ta’ fatt jipprogredixxi minghajr ma agixxa ghad-drtt tieghu, fiz-zmien utli. Cirkostanza din li tincidi fuq il-meritu jekk jinsab illi bl-inazzjoni tieghu huwa gie li rrinunzja ghall-prosegwiment tad-dritt*[6]*.*

Minn dan il-principju johrog car li l-ewwel aggravju tar-Rikorrenti, ibbazat kif inghad fuq il-premessa li t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni hija preskritta b’gheluq ta’ sena minn meta nghata l-avviz tat-trasferiment in kwistjoni lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ai termini ta’ l-Artikolu 51 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta’ Malta, jista’ jincidi fuq il-mertu tal-kaz u anke fuq il-prosegwiment tieghu. Fic-cirkostanzi hi l-fehma tat-Tribunal li jkun iktar opportun u spedjenti li qabel ma jigi investigat il-mertu ta’ l-appell tar-Rikorrenti – definit fit-tieni u tielet aggravji avvanzati minnhom – jigi kkunsidrat u determinat l-ewwel aggravju tar-Rikorrenti. Ghalkemm b’dan il-mod jista’ ma jkunx qed jigi segwit *alla lettera* dak provdut fl-Artikolu 3(b) tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jemmen li jekk tigi indirizzata din il-kwistjoni l-ewwel il-principju li *d-decizjoni* [tat-Tribunal dwar il-kaz migjub quddiemu] *tinghata kemm jista’ jkun malajr* ikun qed jigi debitament osservat.

Barra minhekk f’dan il-kaz il-partijiet kontendenti stess jablu li tigi trattata u determinata l-ewwel il-kwistjoni tal-

---

[6] Il-Kontrollur tad-Dwana v. Wallace Fino Rikors Nru. 1982/96 deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta’ Ottubru 2003.

preskrizzjoni avvanzata mir-Rikorrenti qabel ma jigi trattat il-mertu ta' l-appell taghhom[7].

Ghalhekk it-Tribunal ser jghaddi biex jaghti decizjoni dwar l-ewwel aggravju sollevat mir-Rikorrenti, u cioè dwar jekk it-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' Lm2,400 [€5,590.50], konsistenti fis-somma ta' Lm800 [€1,863.50] bhala taxxa u Lm1,600 [€5,590.50] bhala taxxa addizjonali/penali, hijiex preskritta b'gheluq ta' sena mill-avviz tat-trasferiment mertu tal-kontestazzjoni ai termini ta' l-Artikolu 51 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-kontestazzjoni tar-Rikorrenti issib il-bazi taghha fil-fatt illi huma gew notifikati bin-Notifika ta' Likwidazzjoni, Kont Numru 43055, datata 15 ta' Jannar 2001, fi jew xi granet wara t-2 ta' Marzu 2001. Jikkontendu li *a tenur ta' l-Artikolu 55 tal-istess Att* [Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta], *stima hija meqjusa ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi li tkun saret fid-data ta' notifika ta' l-istess u ghalhekk stante illi din l-istima giet notifikata wara t-2 ta' Marzu 2001, jfisser illi din saret oltre t-terminu tas-sena kontemplat fil-ligi u konsegwentement it-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni hija nulla u perenta.*

It-Tribunal hu tal-fehma li f'dan l-istadju jkun opportun li jigu riprodotti testwalment l-Artikoli 52(5), 54 u 55 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, li fuqhom kjarament jirrivolvi l-ewwel aggravju tar-Rikorrenti.

L-Artikolu 52(5) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *salvi d-disposizzjonijiet l-ohra ta' dan l-artikolu,* ***il-Kummissarju jista' jaghmel stima skond kif hemm provdut f'dan l-artikolu f'kull zmien, fi zmien sena mill-jum li fih il-Kummissarju jkun ircieva l-avviz imsemmi fl-artikolu 51***[8]*: Izda fil-kaz ta' avviz dwar dikjarazzjoni ta' trasferiment causa mortis dik l-istima ghandha ssir fi zmien sitt snin minn meta dak l-avviz ikun gie ricevut*. L-Artikoli 54 u 55 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta taht it-Taqsima V ta' l-Att dwar Stimi, Oggezzjonijiet, Appelli,

---

[7] Vide verbal tas-seduta tat-18 ta' Frar 2011.
[8] Enfasi tat-Tribunal.

rispettivament jipprovdu li *l-Kummissarju ghandu jara li jigi notifikat lill-persuna li jkollha thallas it-taxxa, jew lir-rapprezentanti legali ta' dik il-persuna, avviz li juri l-ammont ta' taxxa li ghandha tithallas skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, u li juri id-drittijiet taghha taht l-Artikolu 56* u li ***likwidazzjoni ghandha ghall-finijiet kollha ta' dan l-Att titqies li saret mill-Kummissarju fid-data tan-notifika ta' l-imsemmi avviz***[9].

Ghal kull buon fini ser jigu riprodotti l-istess provvedimenti tal-Ligi bit-test Ingliz: Artikolu 52(5) – *saving the other provisions of this article,* ***the Commissioner may raise an assessment as provided in this article, at any time, within one year from the day of the receipt by the Commissioner of the notice referred to in article 51***[10]*: Provided that in the case of a notice in respect of a declaration of a transfer causa mortis such assessment may be made within six years of the receipt of such notice.* Artikoli 54 u 55 – *the Commissioner shall cause to be served on the person liable to pay the duty, or on his lawful representative, a notice stating the amount of duty payable in accordance with the provisions of this Act, and indicating his rights under article 56 hereof,* u ***An assessment shall for all purposes of this Act be deed to have been made by the Commissioner on the date of service of the notice aforesaid***[11].

Minn dawn id-disposizzjonijiet tal-Ligi johrog car li l-ezercizzju tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni biex jistabilixxi t-taxxa dovuta fuq trasferiment registrat mad-Dipartiment tieghu – liema ezercizzju ai termini ta' l-Artikolu 52(5) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta jista' jsir f'kull zmien fi zmien sena mill-jum li fih huwa jkun ircieva l-avviz imsemmi fl-Artikolu 51 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta – jitqies komplut biss meta l-persuna li ghandha thallas tigi notifikata b'Notifika ta' Likwidazzjoni li turi l-ammont ta' taxxa u/jew taxxa addizzjonali/penali stmati u likwidati bhala dovuti mill-Kumissarju. B'hekk it-talba ghall-hlas da parte tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni titqies bhala

[9] Enfasi tat-Tribunal.
[10] Enfasi tat-Tribunal.
[11] Enfasi tat-Tribunal.

legalment gusta u valida kemm-il darba l-avviz ta' likwidazzjoni tat-taxxa u/jew taxxa addizzjonali/penali minnu determinati bhala dovuti jigi notifikat lill-persuna li ghandha thallas fi zmien sena minn meta jinghata avviz ta' l-att ta' trasferiment lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni a tenur ta' l-Artikolu 51 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta. Fin-nuqqas tali talba titqies preskritta u konsegwentement mhux enforzabbli fil-konfront tal-persuna li trid thallas.

Minn ezami ta' l-atti processwali u tax-xhieda ta' Ivan Portelli, rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni[12], jirrizultaw is-segwenti fatti:

- Bis-sahha ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Charles Vella Zarb datat 9 ta' Frar 2000 ir-Rikorrenti akkwistaw *f'ishma indivizi ta' wiehed minn hamsa l-kompratrici Sylvana Borg u erbgha minn hamsa l-kompratur Dennis Borg, id-dar bil-garage maghha anness u konness bla numru bl-isem ta' "Fiorita" fi Triq il-Kurunell Mas Tarxien, bid-drittijiet u pertinenzi kollha taghha, bl-arja libera taghha, libera u franka u bil-pussess vakanti* versu l-prezz ta' Lm35,000[13];
- Fuq dak l-att ir-Rikorrenti ddikjaraw li ma ghandhomx residenza ohra u li kienu ser jistabilixxu r-residenza ordinarja taghhom fil-fond minnhom akkwistat. In bazi ghal tali dikjarazzjoni rrizulta li t-taxxa dovuta minnhom fuq dak l-att kienet tammonta ghal Lm1,450;
- Inghata avviz lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ta' dan l-kuntratt ai termini ta' l-Artikolu 51 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta **fid-9 ta' Frar 2000**[14];
- Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni hareg Notifika ta' Likwidazzjoni fil-konfront tar-Rikorrenti ghall-hlas tas-somma ta' Lm800 bhala taxxa u tas-somma ta' Lm1,600 bhala taxxa addizzjonali/penali, komplessivament ammontanti ghal Lm2,400;
- Din in-Notifika ta' Likwidazzjoni hija datata **15 ta' Jannar 2001** u iggib il-Kont Numru 43055[15];

---

[12] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-18 ta' Frar 2011.
[13] Dok. "E" anness mar-Rikors promotur, fol. 13 sa' 15 tal-process.
[14] Xhieda moghtija minn Ivan Portelli waqt is-seduta tat-18 ta' Frar 2011.
[15] Dok. "A" anness mar-Rikors promotur, fol. 5 tal-process.

- Ir-Rikorrenti jikkontendu li huma gew notifikati b'din in-Notifika ta' Likwidazzjoni xi granet **wara t-2 ta' Marzu 2001**. Dana l-fatt inghata bhala wahda mir-ragunijiet taghhom ghall-oggezzjoni tal-kont, formalizzata permezz ta' ittra tan-Nutar Dottor Charles Vella Zarb datata **20 ta' Marzu 2001**[16];
- Ivan Portelli, rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, ikkonferma li *l-assessment fil-konfront tal-konjugi Borg inhareg fil-15 ta' Jannar 2001* izda iddikjara li *mill-file jirrizulta li dan l-assessment ma giex notifikat ghaliex ghandna envelope bit-timbru 'unclaimed' fuqu*[17]*;*
- B'decizjoni datata 16 ta' Awissu 2010 l-oggezzjoni tar-Rikorrenti ghall-Kont Numru 43055 giet rifjutata mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u fiha, in rigward il-kontestazzjoni tar-Rikorrenti li t-talba tal-Kummissarju hija preskritta, inghad li *the assessment under the above Claim Number 43055 was delivered to Dennis Borg et by registered post on the **22nd February 2001***[18].

Meta dawn il-fatti jigu kkunsidrati fid-dawl ta' l-import ta' l-Artikoli 52(5), 54 u 55 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, inekwivokabilment jirrizulta li bhala fatt it-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghall-hlas tas-somma ta' Lm800 [€1,863.50] bhala taxxa u Lm1,600 [€5,590.50] bhala taxxa addizjonali/penali, komplessivament ammontanti ghal Lm2,400 [€5,590.50], hi perenta in kwantu giet notifikata lir-Rikorrenti oltre t-terminu ta' sena minn meta nghata avviz lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni bl-att ta' trasferiment in kwistjoni ai termini ta' l-Artikolu 51 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalkemm fid-decizjoni tieghu tas-16 ta' Awissu 2010 il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ddikjara li *the assessment under the above Claim Number 43055 was delivered to Dennis Borg et by registered post on the 22nd February 2001*, it-Tribunal ma jistax jqis tali dikjarazzjoni bhala prova tan-notifika tar-Rikorrenti bin-Notifika ta' Likwidazzjoni partikolarment meta Ivan Portelli xehed illi skond il-*file* tad-Dipartiment tali Notifika ta' Likwidazzjoni

[16] Dok. "C" anness mar-Rikros promotur, fol.7 tal-process.
[17] Xhieda moghtija minn Ivan Portelli waqt is-seduta tat-18 ta' Frar 2011.
[18] Doc. "D" anness mar-Rikors promotur, fol. 8 tal-process. Enfasi tat-Tribunal.

ma gietx notifikata lir-Rikorrenti ghaliex ghandu fil-pussess tieghu envelope bit-timbru *unclaimed* fuqu. It-Tribunal però lanqas ma jista' jqis li din in-Notifika ta' Likwidazzjoni baqghet ma gietx notifikata ghaliex ir-Rikorrenti oggezzjonaw ghat-talba ghall-hlas permezz ta' ittra mibghuta min-Nutar Dottor Charles Vella Zarb datata 20 ta' Marzu 2001. Fil-fehma tieghu r-Rikorrenti gew notifikati b'tali Notifika ta' Likwidazzjoni fit-2 ta' Marzu 2001 jew xi granet wara, kif minnhom dikjarat u mhux kontradetti.

B'hekk stabbilit li t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghall-hlas tas-somma ta' Lm800 [€1,863.50] bhala taxxa u Lm1,600 [€5,590.50] bhala taxxa addizjonali/penali, komplessivament ammontanti ghal Lm2,400 [€5,590.50] hi perenta ghaliex ir-Rikorrenti gew notifikati bin-Notifika ta' Likwidazzjoni iktar minn sena wara li nghata avviz lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Charles Vella Zarb datat 9 ta' Frar 2000 ai termini ta' l-Artikolu 51 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, l-ewwel aggravju avvanzat mir-Rikorrenti ghandu jigi milqugh u l-likwidazzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni bil-Kont Numru 43055 annullata.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi l-kaz billi jilqa' l-appell tar-Rikorrenti u jannulla l-likwidazzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni bil-Kont Numru 43055. L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Ai termini ta' l-Artikolu 58(4) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jordna li avviz ta' din id-decizjoni, tad-data taghha u ta' dak li effettivament gie deciz jintbaghat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------